MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-11 ta' Lulju, 2006

Citazzjoni Numru. 90/1996/1

Emanuel sive Noel Enriquez

vs

Saviour Saliba

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni ta' l-attur li tghid:

Illi fis-sbatax (17) ta' Settembru elf disa' mija u erbgha u disghin (1994) ghall-habta ta' nofs in-nhar neqsin ghaxra (11.50a.m) iben l-attur Simon Enriquez kien qieghed isuq it-truck Toyota bin-numru ta' registrazzjoni L-7634 matul Triq San Lawrenz, San Lawrenz, fid-direzzjoni tar-Rabat;

Illi iben l-attur u cioe' Simon Enriquez kien qieghed isuq il-vettura tieghu bi speed moderat u bid-diligenza kollha minnu rikjesta mil-ligi u rassenti man-naha tax-xellug tal-

karreggjata tieghu fejn kien hemm ukoll xi vetturi pparkjati mal-genb tat-triq;

Illi l-konvenut li fil-hin ta’ l-incident kien qieghed isuq it-truck Dodge bin-numru ta’ registrazzjoni 0-2393 kien qieghed jipprocedi mid-direzzjoni opposta ghal San Lawrenz;

Illi l-konvenut kien qieghed isuq il-vettura tieghu bi speed eccessiv, traskuragni grassa, b’manjiera perikoluza, u b’nuqqas ta’ osservanza tar-regolamenti tat-traffiku u per konsegwenza ta’ dan huwa nvesta l-vettura ta’ l-attur fuq il-genb taghha n-naha tal-lemin u kkagunalu hsarat estensivi;

Illi l-konvenut huwa unikament responsabbli ghal din il-habta u ghall-hsarat li gew sofferti mill-attur u spejjez ohra kif ser jirrizulta waqt is-smiegh tal-provi;

Illi l-konvenut nonostante li gie nterpellat diversi drabi sabiex jersaq ghal-likwidazzjoni u hlas tad-danni sofferti mill-attur, huwa baqa’ inadempjenti;

Talab l-attur ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:

1. tiddikjara illi l-konvenut huwa unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku hawn fuq imsemmi;

2. tillikwida l-ammont ta’ danni sofferti mill-istess attur inkluz wkoll l-ispejjez inkorsi mill-attur ghall-kiri ta’ vettura kemm il-vettura tieghu damet ghat-tiswija;

3. tikkundanna lill-istess konvenut li jhallas lill-attur id-danni u l-ispejjez kollha hekk sofferti u likwidati;

Bl-ispejjez komprizi dawk ta’ l-ittra ufficjali tal-15 ta’ Gunju 1995 u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni li minn issa ghaliha huwa imharrek.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tieghu flimkien mal-lista tax-xhieda.

Rat l-eccezzjonijiet tal-konvenut li eccepixxa:

1. l-intempestivita' tat-talbiet attrici in kwantu l-konvenut bi ftehim anki ma' l-assikurazzjonijiet tal-partijiet kien dispost, minghajr pregudizzju, unikament, sabiex jaccetta hamsin fil-mija mir-responsabbilita' ghall-incident de quo;

2. salv il-premess, id-domandi attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt billi l-incident imsemmi gara htija tas-sewwieq tal-vettura ta' l-attur li naqas li jzomm a proper look out u saq b'velocita' eccessiva b'mod traskurat u bi ksur tar-regolamenti tat-traffiku.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut flimkien mal-lista tax-xhieda.

Ezaminat il-provi;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

Il-fatti relattivi l-kollizjoni, recepiti mill-provi prodotti, jistghu jigu sintetizzati fis-segwenti osservazzjonijiet ta' indoli fattwali:

- li l-vetturi nvoluti fl-incident awtomobilistiku in meritu kienu qed jinstaqu f'direzzjoni opposta ghal xulxin tul Triq San Lawrenz. L-attur sejjer fid-direzzjoni tar-Rabat (Ghawdex) u l-konvenut sejjer fid-direzzjoni ta' San Lawrenz;

- li l-habta ma tirrizultax li kienet frontali. L-affidavit ta' min sewwa l-vettura ta' l-attur (folio 167) tiddeskrivi l-hsara f'din il-vettura bhala dik koncentrata fuq il-genb tal-lemin

kollu tas-sewwieq u fuq il-parti ta' quddiem fuq in-naha tal-lemin u fuq il-kaxxa tat-truck tali li kellha tinbidel;

- li s-sewwieqa nvoluti f'dan l-incident awtomobilistiku t-tnejn qablu ma' l-iskizz li sar mill-ufficjal tal-pulizija li nvestiga l-kollizjoni u liema skizz jinstab folio 7 tal-process;

- li r-rizultanzi li johorgu minn dan l-iskizz huma:

l-ewwel: li l-kollizjoni grat fuq il-linja medjana tat-triq u ezattament fejn hu immarkat b'cirku l-kliem *soil and paint*;

t-tieni: li fuq in-naha fejn kien qieghed isuq iben l-attur kien hemm zewg vetturi pparkeggjati mal-genb u nghad (pero' mhux riskontrabbli mill-iskizz) li fuq in-naha fejn kien gej il-konvenut kien hemm ipparkeggjat "motor-cycle";

it-tielet: li marki tal-brakes jirrizultaw biss fil-konfront tal-vettura misjuqa mill-konvenut li juru velocita' entro l-margini konsentiti;

Illi dan l-fattur tal-velocita', fil-fehma tal-Qorti, kien x'kien relattivament iz-zewg vetturi, ma jikkostitwixxix il-kawza prossima ta' l-incident li invece l-Qorti tirriskontah f'nuqqas ta' attenzjoni u prudenza adoperata minn min mis-sewwieqa, kif ser jinghad aktar 'il isfel.

Illi huwa fatt inkontestat li fuq in-naha minfejn kien gej iben l-attur kien hemm vetturi, ta' daqs pjuttost imdaqqas, ipparkeggjati fil-genb taghha u kwindi bin l-attur kellhu jimmanuvra aktar lejn il-linja medjana tat-triq. Il-konvenut, da parti tieghu, kien qieghed isuq vettura mdaqqsa, bhalma hu trakk, fuq in-naha tieghu tat-triq. Issa kif xehed bin l-attur hu kellu vizwali tajba tat-triq u ghalhekk seta' jew messu ra t-trakk tal-konvenut gej min-naha opposta. Allura u fic-cirkostanzi l-Qorti tghid illi l-manuvra tieghu kienet azzardata anke jekk ma jirrizultax li oltrepassa l-linja medjana. Fil-fehma tal-Qorti bin l-attur kellhu jieqaf meta ra l-konvenut gej isuq mid-direzzjoni opposta billi kienet il-karreggjata tieghu li kienet ostakolata b'vetturi pparkeggjati. Kellhu, fi kliem iehor, gjaladarba

kien ser jaghmel manuvra ta’ sorpass, anke ta’ vetturi pparkeggjati, jaccerta ruhu li seta’ jaghmel il-manuvra minghajr ma jfixkel vetturi li jkunu gejjin mid-direzzjoni opposta.

Ghal dawn ir-ragunijiet, ghalhekk, qeghdha tiddeciedi l-kawza billi tichad it-talbiet ta’ l-attur bl-ispejjez kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------